MALTA

## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Numru. 162/2015

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**VS**

**Jean Pierre Attard detentur tal-karta tal-identita' numru 573579M;**
**U Alexander Attard detentur tal-karta tal-identita' numru 513671M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Jean Pierre Attard** u **Alexander Attard** li gew akkuzati talli:

1. Fil-kapacita’ taghhom personali bhala diretturi u/jew ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Leaf Ltd, Triq l-Gharram, Haz Zebbug (C11101/50), akkuzati talli fil-25 ta’ Settembru, 2014 u tul l-ahhar jiem f’dawn il-Gzejjer, impjegaw jew taw xoghol lil persuni li ma kinux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg jew xoghol, skont id-disposizzjonijiet tal-Att tal-Immigrazzjoni tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew mod iehor ghenu jew assistew persuni ezenti fl-ghemil ta’ reat mahsub taht l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, bhala l-persuni responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir gewwa l-kumpanija Leaf Ltd, Triq l-Gharram, Haz Zebbug, impjegaw persuni li ma kinux cittadini ta’ Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali, AL

3. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, bhala l-principal, jew il-persuni li mpjegaw persuni ohra, full time, part time, jew xort’ohra b’kuntratt definit jew indefinit, jew bi prova, naqsu li jinnotifikaw lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impjieg, kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputati wiegbu t-tnejn li kienu hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghhom;

Rat ukoll illi moghtija z-zmien huma kkonfermaw l-istess ammissjoni.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar il-piena idoea;

Rat ukoll li gew ezebiti l-istqarrijiet.

Rat illi fl-istess stqarrijiet, **Alexander Attard** assolutament jinnega kwalunkwe involviment tieghu mal-persuna aktarx Nigerjana, li nstabet tahdem gol-fond Leaf Ltd, Haz Zebbug. Dan pero per se, legalment ma jezonorahx mir-responsabbilta' tieghu bhala direttur u manager tal-kumpanija msemmija.

Minn naha tieghu, il-ko-imputat **Jean Pierre Attard** insista li l-impjegat barrani ma kinx debitament registrat skont il-Ligi; biss u biss kien skondtu en probation; jammetti li kien ser ihallsu paga minima.

Ftit ghandha izjed x'izzid il-Qorti ma' dak gia' rifless, hlief illi ssib lil Alexander Attard u Jean Pierre Attard hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghhom, u dan wara li rat l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 217 tal-Ligiijet ta' Malta; ir-Regolamenti 7, 3, u 10 tal-Avviz Legali 110.1993;
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanahom kull wiehed ghal multa ta' elf Ewro (€1,000).

Il-Qorti qieghda tigbed l-attenzjoni taz-zewg imputati, illi dawn ir-reati jgibu maghhom pieni pekunjarji ferm akbar u anke habs, stante li huma ntizi biex jipprotegu abbuz ta' persuni bhal immigranti, nies anqas ixxurtjati minna u li m'ghandhom jigu bl-ebda mod sfruttati.

Twiddibhom ukoll illi dawn l-akkuzi jistghu jgibu maghhom sospensjoni jew kancellament anke ta’ licenzji.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------